Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/22*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 22 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru, 2014 fis-7.15p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-21

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Attivitajiet fi żmien il-Milied

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati fi żmien il-Milied. Bħal fis-snin preċedenti l-Kunsill qabel li intellgħu l-attivita fis-sala tal-parroċċa nhar is-Sibt 27 ta' Diċembru li tkun għal kulħadd filwaqt li terġa' issir nhar it-Tlieta 30 ta' Diċembru għall-anzjani. Kif isir ta' kull sena waqt l-attivita tat-30 ta' Diċembru jiġu ordnati ftit ikel u xorb għall-anzjani li jattendu. Is-Sindku ippropona sabiex l-ikel u xorb jieħdu ħsiebu tal-Kumitat tal-Festa tal-Għasri. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

L-attivita għat-tfal fil-Museum ser issir nhar it-Tnejn 29 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel li bħala entertainment ingibu lil Maria Homoki ta' Jump Malta filwaqt li l-ikel isir mill-Kumitat tal-Festa tal-Għasri.

Il-Kunsill qabel ukoll li t-tiżjin ta' Pjazza s-Salvatur u ta' Triq Dun Karm Caruana isir mill-Kumitat tal-Festa. Is-Sinku ser ikun qed jikkordina biex isir dan ix-xogħol.

Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li hija attendiet nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2014. Il-laqgħa kienet mal-President ta' Malta l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca fejn flimkien ma' rappreżentanti tal-Kunsilli Għawdxin u Kleru ta' Għawdex ġiet diskussa l-attivita tal-Community Chest Fund. Il-President ta' Malta se tkun qed iddur l-irħula kollha ta' Għawdex bejn l-20 u l-21 ta' Diċembru 2014 fejn f'kull lokalita' issir attivita u jiġu preżentati l-fondi miġbura għall-Community Chest Fund. Waqt din l-attivita l-President se tkun qed tiltaqa' mas-Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u mar-residenti ta' kull raħal. Dettalji dwar id-data u ħin x'ħin il-President ser iżżur ir-raħal tagħna għad iridu jiġu konfermati mill-Uffiċċju tal-President. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita li tista' issir għal din l-okkażżjoni. Is-Sindku ippropona li għandna nikkordinaw mal-Kumitat tal-Festa sabiex naraw x'attivita nistgħu norganizzaw. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku. Is-Sindku se jikkordina mal-Kumitat tal-Festa biex jiġi deċiż x'attivita ser issir. Is-Sindku ippropona ukoll li niktbu lill-Kappillan peress li ma kienx preżenti għal-laqgħa tal-21 ta' Ottubru u ninfurmawh dwar din l-attivita sabiex minn naħa tiegħu iwassal il-messaġġ ukoll mar-residenti tar-raħal tagħna.

## 4. Rapport Annwali Amministrattiv 2013

Id-dokument Rapport Annwali Amministrattiv 2013 kien tqassam lill-Membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta ir-Rapport Annwali Amministrattiv li ġie approvat unanimament.

## 5. Korrispondenza

5.01 Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015. Is-Sindku se jikkordina sabiex napplikaw għall-fondi minn din l-iskema. Is-Sindku ippropona li ssir attivita simili għal dik li saret aktar kmieni din is-sena.

5.02 L-AKL infurmat lill-Kunsill Lokali dwar il-Laqgħa tas-Sindki li ser issir nhar is-7 u 8 ta' Novembru. Il-Viċi Sindki mistiedna wkoll jattendu għal din il-laqgħa.

5.03 Stephen Zammit ta' Lornit Technology Company ippropona lill-Kunsill sistema online ta' permessi tal-krejn, skips eċċ. Il-Kunsill iddiskuta dwar din is-sistema u qabel li fil-preżent m'għandnix bżonnha.

5.04 Louis Debattista minn Gozo Greyhounds Sports Club informa lill-Kunsill dwar Duathalon li se jorganizzaw u li parti minnha ser issir fil-konfini ta' L-Għasri. Huwa qed jitlob sabiex il-Kunsill jgħin fl-organizzazjoni ta' din l-attivita. Il-Kunsill qabel li għandna nixtru t-trofew u nordnaw il-pulizija/wardens li jkun hemm bżonn. Il-Kunsill qabel li l-ispiża m'għandix taqbeż €200.

5.05 L-Enemalta infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni biex teħel lampa ġdida fi Pjazza s-Salvatur mhix ġustifikata. Is-Sindku ma qabilx mad-deċiżjoni tal-Enemalta u ippropona sabiex nitolbu lil GaleaCurmi Ing sabiex jagħmlu proposta kif il-pjazza tista' tkun imdawla aħjar. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk huwa ser jagħmel il-kuntatti meħtieġa ma' GaleaCurmi Ing.

5.06 Joe Attard ta' Greenmt informa lill-Kunsill li kull l-ewwel Ħamis tax-xahar se jibda isir il-ġbir tal-ħġieġ. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser isiru l-avviżi sabiex ir-residenti ikunu infurmati dwar dan is-servizz.

5.07 Is-Sindku talab il-permess tal-Kunsill sabiex bħala avukat u f'isem il-Kunsill jagħmel protest ġudizzjarju lill-Greenmt sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu s-somma ta' €2070 li hija dovuta lilu bħala administration fees minn Settembru 2011 sa Diċembru 2012. Il-Kunsill bagħat diversi statements iżda minkejja li dejjem iwegħdu li se iħallsuna, il-ħlas sallum għadu ma sarx. Is-Sindku qal li huwa se jirrinunzja għal kull ħlas jew spejjeż sabiex jagħmel il-protest ġudizzjarju. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

5.08 Dwar il-ġbir ta' skart riċiklabbli s-Sindku ippropona ukoll sabiex nibdew il-proċess biex inneħħu l-Bring in Sites li hemm fi Triq il-Fanal. Matul is-sajf li għadda l-Kunsill irċieva ħafna ilmenti peress li kien qed jintefa' ħafna skart (mhux riċiklabbli) madwar l-istess BIS. Uħud mir-resident kienu ilmentaw li qed ikun hemm ħafna ġrieden u insetti apparti l-irwejjaħ tal-iskart. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk il-Kunsill għandu jara hawnx minn huwa interessat li jixtri dawn it-tankijiet.

5.09 Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni uffiċċjali sabiex il-proġett ta' Triq tal-Gallina taħt M125 jingħata estensjoni ta' xahar u b'hekk jitlesta sal-aħħar ta' Ottubru. Is-Sindku informa lill-Kunsill li peress li inqalgħu problemi fil-main tal-ilma il-kuntrattur ma setax ikompli bix-xogħol qabel it-testijiet jirriżultaw tajbin. Il-WSC ilhom għaddejjin bit-testijiet għal aktar minn ħmistax. Is-Sindku reġa' talab lill-Paying Agency sabiex ningħataw estensjoni ta' xahar ieħor u għalhekk il-proġett jitlesta sal-aħħar ta' Novembru. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk din l-estensjoni tiġi approvata, minn naħa tal-Kunsill inkunu nistgħu nġeddu l-kuntratt lill-kuntrattur sabiex ix-xogħol jitlesta sal-15 ta' Novembru 2014. B'hekk sal-aħħar ta' Novembru jilħqu isiru t-testijiet neċessarji u nagħmlu l-claim għal pagamenti dwar dan il-proġett.

5.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill b'korrispondenza mal-Mepa dwar il-Local Plans Review. F'din il-korrispondenza issemmew diversi affarijiet fosthom dwar recreational area fi Triq tal-Fanal u dwar il-possibilta li fil-lokalita tagħna ikun hawn estensjoni ta' fejn jista' jsir bini. L-estensjoni tista' tingħata f'toroq fejn fuq naħa waħda diġa hemm bini residenzjali għalkemm trid tingħata l-attenzjoni xierqa sabiex ir-raħal iżomm il-karatteristiċi tiegħu.

**6. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-22 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**7. Materja oħra**

7.01 Rokku Zahra miż-Żebbuġ u li għandu l-egħlieqi fl-inħawi ta' Triq Gallina talab sabiex fi Triq Gallina (fejn hemm triq li tagħti għar-razzett tiegħu) issir tabella li tindika li t-triq ma tinfidx peress li qed ikun hemm turistu li jibqgħu deħlin f'din il-parti tat-triq. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw tabella sabiex teħel f'din il-parti ta' Triq Gallina.

7.02 Rokku Zahra miż-Żebbuġ ilmenta dwar l-istat ta' Triq Gallina (in-naħa t'isfel) peress li hemm ħafna ħofor. Il-Kunsill qabel li kif jitlesta il-proġett ta' Triq Gallina (il-parti ta' fuq) nordnaw biex issir il-manutenzjoni tal-kumplament tat-triq.

7.03 Theresa Grima minn Triq Għammar talbet sabiex titranġa l-bankina tagħha peress li qegħda fi stat perikoluż. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu isir mill-kuntrattur Anton Mintoff.

7.04 Rikarda Zammit ta' Triq Għammar talbet biex jitranġa l-aċċess għall-għalqa tagħha fl-istess inħawi ta' Triq Għammar. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ.

7.05 Francis Portelli ta' Triq Wied Sara talab lill-Kunsill biex teħel lampa ġdida fl-istess triq peress li hija mudlama. Francis Portelli qal li l-lampa se jħallasa huwa stess u għalhekk il-Kunsill kull ma jrid jagħmel huwa li jġib l-approvazzjoni biex teħel. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni biex teħel din il-lampa u għalhekk ser issir l-applikazzjoni mal-Enemalta.

7.06 Joe Dimech mir-Rabat, talab sabiex jingħata ftit materjal biex jirranġa il-bankina mal-post li għandu fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li nagħtuh il-materjal biex jagħmel il-bankina. Ix-xogħol se jagħmlu huwa stess.

7.07 Il-Kunsillier Joseph Farrugia talab sabiex titranġa l-bankina tal-post tiegħu fi Triq tal-Fanal. Il-Kunsill qabel li x-xogħol meħtieġ isir mill-kuntrattur Anton Mintoff.

7.08 Stella Aquilina ta' Triq Wied Sara talbet sabiex jitranġa il-ħajt fl-istess inħawi. Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-ħaddiema tas-CMU biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

7.09 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana talab biex jitnaddaf Wied l-Għasri fl-inħawi ta' Sqaq il-Knisja għax meta tagħmel ix-xita jista' jkun imblukkat. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu isir mill-kuntrattur Anton Mintoff.

7.10 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana talab biex jitranġa ħajt fi Triq il-Fanal. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiema tas-CMU.

7.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien kelmu Emanuel Cauchi li għandu razzett fl-inħawi ta' Triq tal-Gallina fejn qed isir il-proġett tal-istess triq biex jitranġa l-aċċess għall-egħlieqi tiegħu u jinbena ħajt li waqa'. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir wara li tkun lesta Triq tal-Gallina.

7.12 L-Avv. Jimmy John Vella ta' Triq il-Fenek ilmenta li mal-post tiegħu qed jikber ħafna ħaxix ħażin. Huwa talab sabiex issir bankina jew ftit siment biex ma jibqax jikber il-ħaxix. Il-Kunsill qabel li peress li t-triq hija dejqa għandu isir ftit siment mal-post biex tissolva din il-problema. Dan ix-xogħol ser issir mill-ħaddiem tal-Kunsill tal-iskema tal-ETC.

7.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Avv. Jimmy John Vella ta kotba għal-librerija. F'isem il-Kunsill huwa irringrazzja lill-Avv. Jimmy John Vella ta' din l-għotja.

7.14 Mary Vella ta' Triq il-Knisja talbet sabiex il-Kunsill jagħti tank (bin) biex jitpoġġa fiċ-ċimiterju. Dan biex jintuża fuq ġewwa taċ-ċimiterju u x'ħin jimtela jinħareġ barra biex jitbattal mill-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill qabel li ċ-ċimiterju m'huwiex proprjeta tal-Kunsill u għalhekk ma jistax jixtri dan it-tank peress li l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet. Is-Sindku astjena minn din id-deċiżjoni.

7.15 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana talab biex titranġa parti minn Triq Wied L-Għasri peress li qed iżomm l-ilma u issir aktar ħsara lill-istes triq. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jmur jara fuq il-post x'hemm bżonn isir u jordna x-xogħol mal-kuntrattur Anton Mintoff.

7.16 Il-Kunsillier Joseph Farrugia ippropona sabiex isiru sinjali sofor tat-traffiku fi Triq Fanal fejn Triq Għammar. F'din il-kurvatura qed jipparkjaw vetturi u għalhekk qed ikun hemm periklu kbir li jsir xi inċident. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta sabiex inġibu l-approvazzjoni dwar din il-proposta tat-traffiku.

7.17 Il-Kunsillier Joseph Farrugia informa lill-Kunsill li fi Triq il-Fanal fejn is-supermarket kien hemm parti mill-ħajt li waqgħet u kienet perikoluża. Peress li dan kien xogħol urġenti huwa kien ikkuntattja lis-Sindku u ġie ordnat ix-xogħol meħtieġ biex jitneħħa kull periklu. Ix-xogħol sar mill-kuntrattur Anton Mintoff.

7.18 Is-Sindku ippropona li teħel tabella fil-Pjazza li tkun tindika li t-triq lejn il-latrina pubblika ma tinfidx. Ħafna drabi turisti u anke residenti minn irħula oħra u Maltin qed jibqgħu deħlin f'din il-parti tal-Pjazza peress li ma jkunux jafu li din it-triq tispiċċa hemm. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

7.19 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-inħawi ta' Triq Wied l-Għasri xi raħħala għalqu l-aċċess tal-wied u b'hekk l-ilma tax-xita m'għandux minn fejn jgħaddi. Huwa issuġġerixxa li nikkuntattjaw lil dawn ir-raħħal biex navżawhom li r-rampa se titneħħa u issir fuq in-naħa ta' ġewwa tal-għalqa tagħhom u b'hekk l-ilma tax-xita ma jkunx ostakolat u jibqa' niżel. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jagħmel il-kuntatti meħtieġa sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ.

7.20 Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud infurmat lill-Kunsill dwar problema tal-ilma tax-xita li hemm bejn il-Knisja u l-iskola. F'din il-parti iżomm l-ilma u b'hekk it-tfal jispiċċaw jgħaddu mill-ilma meta tkun għadha kif għamlet ftit xita. Il-Kunsill qabel li s-Sindku imur mal-kuntrattur Anton Mintoff sabiex jaraw kif din il-problema tista' tissolva.

7.21 Is-Sindku informa lill-Kunsill li xi xhur ilu l-Kunsill kien approva li inqabbdu Perit biex jagħmel rapport dwar xogħol ta' manutenzjoni tal-Knisja. Il-Perit li kien kellem infurmatu li ma tistax tidħol għal dan ix-xogħol. Għalhekk is-Sindku ippropona li isiru kuntatti ma' Perit ieħor biex isir dan ir-rapport. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

7.22 Il-Kunsillier Joseph Farrugia informa lill-Kunsill li Triq tal-Fanal (fejn ta' Stella Spiteri) tinsab fi stat ħażin. Is-Sindku ippropona li nirranġaw din il-parti tat-triq bis-siment. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk is-Sindku ser jiltaqa' fuq il-post mal-kuntrattur Anton Mintoff jew mal-ħaddiema tal-Kunsill biex jaraw kif ser isir ix-xogħol.

7.23 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li Triq Wied l-Għasri lejn Wied il-Mielaħ għanda ftit ħofor u għalhekk ippropona li jitranġaw sabiex ma tibqax issir ħsara fit-triq. Il-Kunsill qabel li s-Sindku imur jara flimkien mal-kuntrattur Anton Mintoff biex jiġi ordnat li jsir ix-xogħol meħtieġ.

7.24 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ informa lill-Kunsill dwar laqgħa oħra tal-Kunsill taż-Żgħażagħ fejn ġew diskussi diversi affarijiet. Fosthom iddiskutew dwar it-tkomplija tal-proċess biex jiġu rikonoxxuti bħala NGO, preżenza online fuq Linkedin, ġie deċiż li l-play ta' żmien il-Milied ma issirx peress li sabu diversi diffikultajiet, se jorganizzaw Clean up Event fil-Bażilka tal-Patroċinju u iddiskutew ukoll dwar l-istatut.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 28 ta' Novembru, 2014 fis-7.15p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |